MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Numru. 476/2007

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER GRECH
VS
MARIKA MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Marika Muscat, ta’ 33 sena, bint il-mejjet Raffael u Marija nee’ Tabone, imwielda Pieta’ nhar l-1 ta’ Dicembru 1973, u residenti No 6, Sur San Pawl, Bormla, jew 239, Triq San Mikiel, Bormla, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 9374(M), u akkuzata talli nhar id-29 ta’ Mejju 2007, u fil-jiem ta’ qabel gewwa Bormla, f’hinijiet differenti, ikkommettiet serq ta’ tmenin Lira Maltin (Lm80) fi flus mir-residenza t’ommha, Numru 6, Sur San Pawl, Bormla, ghad-dannu ta’ ommha Marija Muscat minn Bormla, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 12) u tal-imputata (a fol 4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata (a fol 2).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tatha zmien ragjonevoli sabiex l-imputata tirripensa ruhha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261(d), 268 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata ghal hmistax-il xahar prigunerija, u dan mehud in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz in ezami, u l-fedina penali refrettarja ta' l-imputata.

Illi in oltre, il-Qorti tirrakkomanda lill-imputata ssegwi program ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi, minn hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u dan in vista tal-fatt li l-imputata ma tidhirx li hija kapaci ssegwi program wahedha. Illi di piu', id-dipendenza ta' l-imputata fuq id-drogi hija tali li malli l-imputata nghatat il-liberta' provvisorja, hija kellha tigi rikoverata l-Isptar San Luqa b'overdose.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------